# 13. Iż-Żrinġijiet

Ix-xemx tisreġ bla ħniena fuq l-għadajjar,
baqa' ftit ilma qiegħed ġewwa l-qiegħ;
dalwaqt jinxef ukoll, u miegħu jinxfu
ħxejjex u dud u ħniex li hemm ġo fih.

U jisfaw mingħajr dar u mingħajr xogħol,
mingħajr ikel u xorb iż-żrinġijiet,
bla nifs taħt xemx li tisreġ mingħajr ħniena,
imkebba, moħbijin fit-trabijiet.

'Mma ż-żrinġijiet, minflok id-disprament
jgħixu fit-tama, li minn ġos-smewwiet
traxxax ix-xita u tfawwar lill-għadajjar,
u jerġa' x-xogħol u l-ġid, jehda l-inkwiet!